**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 1015/2022DC**

***David Grech (K.I. Numru 0132977M)***

***vs***

***Glenn Magro ( (K. I. Numru 173986M) u***
***Tiziana Magro (K.I. Numru 340289M)***
***għal kull interess li jista' jkollha***

**Illum, 7 ta' Ottubru, 2024**

**Il- Qorti**

Rat **ir-rikors ġuramentat** tal-attur ippeżentat fit-28 ta' Ottubru, 2022 permezz ta' liema ppremettew:-

1. *Illi r-rikorrent għamel xogħolijiet ta' tqattiegħ u skavar għall-intimat Glenn Magro f'59/60, Dawret ix-Xatt, ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, f'Mejju tas-sena elfejn, wieħed u għoxrin (2021).*
2. *Illi l-pagament dovut għal dawn ix-xogħlijiet li ġew esegwiti, jammontaw għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf Ewro (€27,000) liema ammont kien miftiehem bejn ir-rikorrent u l-intimat Glenn Magro minn qabel beda x-xogħol.*
3. *Illi dan il-ftehim verbali sar meta l-intimati Glenn u Tiziana Magro kienu diġa miżżewġin.*

4. *Illi, meta tlestew dawn ix-xogħlijiet, l-intimat Glenn Magro ħallas lir-rikorrent għaxart elef Ewro (€10,000) biss mill-ammont miftiehem ta' sebgħa u għoxrin elf Ewro (€27,000).*
5. *Illi, għalkemm l-intimat Glenn Magro ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas il-kumplament tas-somma, u ċioe` sittax-il elf Ewro (€16,000), u dan inkluż b'ittra ġudizzjarja datata t-28 ta' Jannar, 2022, (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A*) *huwa baqa' nadempjenti.*
6. *Illi l-imsemmi ammont ta' sittax-il elf Ewro (€16,000) huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-intimat Glenn Magro lir-rikorrent u jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artiklu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi l-konvenut Glenn Magro m'għandu ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.*
7. *Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.*
8. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

U wara li hekk ippremetta l-attur talab lil din il-Qorti:-

i) *Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artiklu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

ii) *Tiddikjara lill-konvenuti Glenn u Tiziana konjugi Magro bħala debituri tar-rikorrent fl-ammont ta' sittax -il elf Ewro (€16,000), liema ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut.*

iii) *Tordna, jekk jidrilha xieraq, in-nomina ta' kwalunkwe periti arkitetti sabiex jixhdu dwar ix-xogħlijiet mertu ta' din il-kawża.*

iv) *Konsegwentement, tiddeċiedi, tordna u tikkundanna lill-konvenuti Glenn u Tiziana konjuġi Magro iħallsu lir-rikorrent l-ammont hekk likwidat ta' sittax-il elf Ewro (€16,000).*

Rat **ir-risposta ġuramentata** tal-konvenuti ppreżentata fit-12 ta' Diċembru, 2022[1] permezz ta' liema eċċepixxew:-

[1] A fol 29.

1) *Illi din ir-Risposta Ġuramentata qiegħda tiġi ppreżentata ai termini tal-fakolta' konċessa lill-intimati permezz tal-verbal ta' din l-Onor. Qorti datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022).*

2) *Illi Tiziana Magro mhix il-leġittimu kuntradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

3) *Illi bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto u dan għaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn taħt spjegat u kif se jiġi sostenut u ppruvat bix-xhieda ġuramentata tal-Intimati u ta' terzi persuni, u skont il-każ, waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

4) *Illi filwaqt illi huwa minnu illi l-attur għamel xi xoghlijiet ta' tqattiegħ u skavar għall-intimat Glenn Magro f'59/60, Dawret ix-Xatt, ix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar f'Mejju tas-sena elfejn, wieħed u għoxrin (2021), l-ammont miftiehem bejn l-attur u l-intimat qabel ma' l-attur beda x-xogħol kien fl-ammont ta' tlettax-il elf ewro u ħames mija (€13,500) għal-tqattiegħ u skavar ta' dan is-sit;*

5) *Illi dak iż-żmien kien kkwotat ukoll l-prezz ta' għaxart elef u tletin ewro (€10,030) mill-attur għat-tqattiegħ u skavar ta' sit adjaċenti, ossia plot li għandha n-numru 61 ġewwa Dawret ix-Xatt, ix-Xagħjra; eventwalment imma qabel ma kien inbeda x-xogħol fuq is-sit bin-numru 59/60 Dawret Ix-Xatt, Ix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, l-attur kien ġie nfurmat mill-intimat illi hu (l-attur) ma kellu jagħmel l-ebda xogħol fuq is-sit adjaċenti (61 Dawret Ix-Xatt, Ix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar) għaliex ix-xogħol fuq dan is-sit kien se jsir mill-intimat stess kif eventwalment u effettivament sar.*

6) *Illi dan sar fuq parir tal-perit stess inkarigat mill-iżvilupp in kwistjoni, ossia l-Perit Stephen Micallef, u dan għaliex t-twaqqiegh tal-istess plot numru 61 rriżulta li kellu jsir b'ċertu galbu, u kellhom jittieħdu għadd ta' mizuri ta' sigurezza u miżuri preventiv għat-twaqqiegħ tal-plot 61 minħabba illi d-djar li jmissu ma' din il-plot kienu fi stat ħażin ħafna.*

7) *Illi din kienet ir-raġuni u l-ġustifikazzjoni li s-sit bin-numru 61 Dawret Ix-Xatt, ix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, tiġi mwaqqa' mill-intimat stess sabiex dan jassigura li l-metodoloġija ordnata mill-perit tkun rispettata u jkunu evitati eventwali eventi sinistri. Konsekwenzjalment, l-ammont li kien ġie miftiehem bejn il-partijiet baqa' biss dak ta' tlettax-il elf ewro u ħames mija (€13,500) rappreżentanti t-tqattiegħ u skavar tal-plots bin-numri 59/60,Dawret ix-Xatt, ix-Xagħjra biss; ix-xogħol fuq is-sit adjaċent (61,*

*Dawret Ix-Xatt, Ix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar) ma kellux isir u fil-fatt qatt ma sar mill-attur.*

8) *Illi fil-fatt, l-attur għamel xogħlijiet biss fuq il-plots numru 59/60, Dawret ix-Xatt, ix-Xagħjra u ma wettaq l-ebda xogħol, jew inkella, b'xi mod jew b'ieħor, kien responsabbli, direttament jew indirettament għas-sit bin-numru 61, Dawret ix-Xatt, ix-Xagħjra.*

9) *Illi kif jixhdu d-dokumenti annessi, u li huma ffirmati mill-attur stess, l-ammont li tħallas fuq l-istess tqattiegħ u skavar ta' din il-plot jammonta għal-ammont ta' tnax-il elf euro (€12,000) (dokumenti annessi u mmarkati bħala Dokument A) u għaldaqstant, l-bilanċ li kien baqa' biex iħallas l-intimat lill-attur kien ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500);*

10) *Illi meta l-intimat mar biex ihallas l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) lir-rikorrenti, dan l-istess rikorrenti irrifjuta li jgħaddi l-irċevuta tal-VAT lil intimat u oltre' minn hekk, ippretenda li jitħallas ammont ikbar minn dak li kien ġia' miftiehem u għaldaqstant, dan l-aħħar pagament baqa' ma sarx a bażi ta' dan il-fatt, u ċioe' r-rifjut bla ġustifikazzjoni ta' l-attur li jirċievi l-pagament finali.*

11) *Illi d-dokument anness u mmarkat bħala Dokument B, u ċioe' d-dikjarazzjoni maħlufa tal-perit Stephen Micallef, u kif ukoll l-valutazzjoni/stima tal-perit għall-istess xogħol li sar fuq din il-plot, taqbel ma' dak ddikjarat mill-intimat u ċertament ma tista qatt tirrispekkja l-ammont hekk pretiż mill-attur għaliex ix-xogħol u l-fatturat relatat kien, kif diġa intqal, limitat għal plot waħda u dan għar-raġunijiet diġa msemmija.*

12) *Illi għalhekk, fid-dawl tal-fatti kif hawn edotti, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda in toto.*

13) *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat il-verbal[2] fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur[3] biex jikkoreġi r-rikors promotur.

Rat id-digriet[4] tal-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef datat 13 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu assenja din il-kawża biex tinstema' u tkun deċiża minn din il-Qorti kif preseduta.

[2] Fol 60.
[3] Fol 63.
[4] Fol 46.

Rat li l-attur irtira l-ewwel talba tiegħu[5] biex il-każ ikun deċiż bid-dispensa ta' smigħ.

Semgħet il-provi.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi din hi kawża li tittratta dwar ammont ta' flus allegatament dovuti mill-konvenuti lill-attur bħala ħlas ta' xogħol ta' skavar, tqattigħ u rimi li l-attur jgħid li għamel fil-fondi 59, 60 u 61 Dawret ix-Xatt ix-Xgħajra bejn April u Mejju 2021. Il-konvenut talab li jsir dan ix-xogħol f'isem sid il-proprjeta' li kien imsiefer. L-attur qed jitlob sittax-il elf euro (€16,000) waqt li l-konvenut qed igħid li baqagħlu jħallas biss elf u ħames mitt euro (€1,500) li l-attur ma riedx jaċċetta. L-attur kien ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-konvenuti ai termini tal-artikolu 166A[6] pero l-konvenuti opponewha b'nota[7].

Ikkunsidrat

## IL-PROVI

Illi fix-xhieda u fl-affidavit tiegħu, **l-attur David Grech**[8] qal li l-konvenut inkarigah b'dan ix-xogħol fl-2016 u x-xogħol sar f'Mejju 2021. Qal li fil-fondi 59 u 60, hu kellu jwaqqa' l-fondi, iqatta', jiskava u jillivella, iħaffer bir t'għaxar piedi b'għaxar filati fond u għal dan ix-xogħol ftehmu dwar ħlas ta' tmintax-il elf euro (€18,000). Qal li oriġinarjament hu kien talab dsatax-il elf euro (€19,000), pero' l-konvenut ħajru jitlob elf inqas, biex żgur jieħu x-xogħol hu, u l-attur aċċetta. Qal li dwar il-fond numru 61, huma ftiehmu li l-attur se jwaqqa' l-bini u jarmi l-materjal bil-prezz ta' għaxart elef euro (€10,000). Qal li għalkemm ma kienx hu li waqqa' l-fond numru 61 għax ried jinħatt bl-idejn minħabba l-istabbilita' tal-proprjeta' ta' maġenbu, xorta kien hu li rema l-materjal u terrapien. Qal li tar-rimi ftehmu li hu jieħu tmint elef euro (€8,000) minflok għaxart elef (€10,000). Għalhekk qal li l-ħlas totali kellu jkun ta' sitta u għoxrin elf euro (€26,000)[9] u dan bi qbil verbali mal-konvenut u bil-kunsens tas-sid John Axiaq u

[5] Fol 128.
[6] Fol 6.
[7] Fol 14.
[8] Fol 61 u fol 64.
[9] Jiġifieri €18,000 + €8000.

tal-perit Stephen Micallef. Qal li l-konvenut ħallas lill-attur għaxart elef euro (€10,000) u baqagħlu jagħtih sittax-il elf euro (€16,000).

Illi meta reġa' xehed **l-attur David Grech** [10] esebixxa numru ta' dokumenti[11] li huma rċevuti ta' ħlas għal rimi ta' materjal, hekk magħruf bħala dumping, wara t-twaqqigħ tal-fondi numru 60 u 65.[12] Qal li fil-fatt ix-xogħol beda f'April 2021. It-total kif jidher fuq dawn l-irċevuti hu ta' elf seba' mija tmienja u ħamsin euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,758.79).

Illi in kontroeżami **l-attur David Grech**[13] qal li r-rimi kien għal plots 59, 60 u 61. Qal li l-fond numru 61 kellu xi tmien kmamar.

Illi in kontroeżami ulterjuri, **l-attur David Grech**[14] ikkonferma li hu talab għaxart elef euro (€10,000) bħala xogħol ta' twaqqigħ, skavar u rimi għall-fond numru 61. Qal li pero' x-xogħol tat-twaqqigħ sar bl-idejn mill-konvenut waqt li r-rimi sar minnu. Qal li għal dan ix-xogħol ta' rimi hu talab tmint elef euro (€8,000) minn dawn l-għaxart elef euro (€10,000). Mistoqsi kif min ħa l-ikbar riskju tħallas ftit flus waqt li min rema l-materjal ħa ħafna iktar, qal li r-rimi kien għoli peress li l-materjal ma kienx magħżul. Qal li r-rimi jiswa sbatax-il euro (€17) kull tunnellata. Qal li l-van bin-numru ta' reġistrazzjoni BCO 662 jesa' disa' jardi materjal. Qal li f'dawn il-fondi ħadem ukoll bil-van bin-numru ta' reġistrazzjoni IBA 464. Qal li hu jaħdem mit-Tnejn sas-Sibt bejn is-sebgħa ta' filgħodu u nofsinhar u bejn l-erbgħa u t-tmienja ta' filgħaxija u fil-Ħdud u festi ma jaħdimx. Mistoqsi kif l-irċevuta maħruġa minn Nicky Bonello[15] ħarġet fl-1 ta' Mejju 2021 li hija festa pubblika, qal li jekk ikollu van mgħobbi, jaqbad u jmur jarmih. Qal li dik l-irċevuta mmarkata Dok NB hi ta' seba' mitt euro (€700) u tkopri diversi vjaġġ, li għalihom hu ħallas wara kull vjaġġ, imma irċevuta ħarġet waħda għal diversi vjaġġi. Qal li għamel diversi vjaġġi bil-materjal għax il-van jesa xi disgħin euro (€90) materjal tar-rimi. Qal li ma remiex fl-ewwel ta' Mejju, imma fl-ewwel ta' Mejju ħariġlu l-irċevuta.

Illi in rieżami **l-attur David Grech** qal li jaħdem għal rasu u allura qal li jista' jaħdem nhar ta' Ħadd u fil-festi. Qal li jekk iċċempel lill-barriera, dan jiftaħlek u tista' tarmi. Qal li ġieli ħadem il-Ħadd. Ikkonferma li l-fond 59 u 60 waqqagħhom l-attur u rema l-materjal, waqt li fond numru 61 waqqgħu l-konvenut bl-idejn u l-attur rema l-materjal.

---

[10] Fol 81.
[11] Fol 84; jikkonsisti f'erbatax-il irċevuta li jirreferu għal rimi bejn it-12 t'April 2021 u l-1 ta' Mejju 2021.
[12] Ix-xhud hawn ħawwad ftit in-numru tal-fondi li tagħhom rema l-materjal. Fix-xhieda tiegħu jgħid li dawn huma ta' fondi 60 u 65. Fin-nota mad-dokumenti jgħid li dawn huma ta' fondi 59 u 60 u fil-kontroeżami jgħid li dan il-materjal hu ta' fond 61 ukoll.
[13] Fol 88.
[14] Fol 97.
[15] Dok NB a fol 84.

Illi fl-affidavit tiegħu **Alfred Formosa**[16] qal li hu jgħin lill-attur fuq il-lant tax-xogħol. Ikkonferma li sar xogħol ta' twaqqigħ u skavar fil-fondi numru 59 u 60 Dawret ix-Xatt ix-Xgħajra. Qal li kien imur mal-attur ukoll biex jarmu t-terrapien u materjal ieħor.

Illi fl-affidavit tiegħu, **l-konvenut Glenn Magro**[17] ikkonferma l-kontenut tar-risposti li ppreżentaw huma. Qal li f'Mejju 2021 kien se jibda x-xogħol fuq il-fond 59, 60 u 61 bħala appaltatur, f'isem ħaddieħor. Qal li għall-ewwel kienu qed jitkellmu dwar xogħol kemm fil-fond 59/60 (għall-prezz ta' €13,500) kif ukoll fil-fond 61 (għall-prezz ta' €10,030). Pero fuq parir tal-perit ix-xoghol ta' twaqqigħ fil-fond numru 61 kellu jsir bl-idejn għalhekk ġie deċiż li dan jagħmlu l-konvenut personalment u l-ftehiem finali ma'l-attur kien dwar il-fond 59/60 u l-prezz finalment miftiehem ta' tlettax-il elf u ħames mitt euro (€13,500) li kien jinkludi r-rimi. Qal li hu ħallas lill-attur tnax-il elf euro (€12,000) imma irċevuti hemm għal għaxart elef euro (€10,000). Qal li hu kien ħallas lill-attur elfejn euro (€2,000) oħra fil-bidu bħala depożitu imma m'hemmx irċevuta għalihom. Qal li pero' fl-irċevuti l-oħra dan l-ammont hu rikonoxxut li tħallas għax jidher fit-totali. Qal li jonqos iħallas elf u ħames mitt euro (€1,500) li l-attur m'aċċettax għax ried iktar.

Illi fl-affidavit tagħha **l-konvenuta Tiziana Magro**[18] qalet li l-attur hu z-ziju ta' żewġha Glenn. Qalet li hi qatt ma qabbdet lill-attur jagħmel xi xogħol fuq xi fond. Qalet li l-fondi in kwistjoni mhumiex tagħha u qatt m'aġixxiet għan-nom ta' ħaddieħor dwar dawn il-fondi.

Illi fl-affidavit tiegħu **l-perit Stephen Micallef**[19] jgħid li kien jaf li l-konvenut kien ha jgħati subappalt lill-attur fir-rigward ta' ċerti xogħolijiet fil-progett fuq il-fondi 59, 60 u 61. Hu kien ġie infurmat mill-konvenut li kienu ftehmu fuq prezz ta' €13,500 għax-xogħol fuq il-fondi 59 u 60, u ta' €10,030 fuq il-fond 61. Qal li kien mar fuq il-post u deherlu li x-xogħol fil-fond 61 kellu jsir bl-idejn, ta parir lill-konvenut f'dan is-sens u l-konvenut fil-fatt iddecieda li x-xogħol fil-fond 61 jagħmlu hu u mhux l-attur. Speċifika li ħafna mill-materjal li nħatt mill-konvenut intuża fis-sit stess biex jimtela bir li ma kienx ser jifforma parti mill-iżvilupp propost. Qal ukoll li s-somma ta' €13,500 għax-xogħol fuq il-fondi 59 u 60 kienet tinkludi '*carting away of resulting debris from the .... demolition as well as the roof slabs that had previously collapsed".* Huwa kien ġie infurmat li kien sar ħlas ta' €12,000 u li l-konvenut kien jonqsu jħallas €1,500.

[16] Fol 69.
[17] Fol 93.
[18] Fol 95.
[19] Dok B a fol 37; kopja tagħha hija esebita a fol 19.

Illi fix-xhieda tiegħu **Nicholas Bonello**[20] qal li hu sid barriera fl-Imqabba. Mitlub jippreżenta delivery note numru 03971, qal li d-dokument esebit u mmarkat bħala Dok NB a fol 86 hu l-oriġinal tad-delivery note li hu għandu fil-ktieb tiegħu. Għal din id-delivery hu esebixxa irċevuta fiskali ta' ħlas ta' sebgħin euro (€70) markata Dok NB 1[21]. Qal li kien raġel barrani li ħareġ l-irċevuta fiskali, jismu Bah Keta. Esebixxa wkoll kopja tal-paġna relevanti fil-ktieb tad-delivery notes tiegħu, immarkata Dok NB2[22] u li turi wkoll l-ammont ta' sebgħin euro (€70).

Illi kienu esebiti wkoll dokumenti oħra, fosthom:

- Dokumentazzjoni mill-permess ta' żvilupp PA 09778/18, fejn jidhru l-attur u l-konvenut u x-xogħol li kienu se jagħmlu fuq il-fondi 59 u 60.[23]
- Tliet irċevuti ta' ħlas li juru li l-konvenut ħallas lill-attur, maħruġa bejn April u Mejju 2021, u ffirmati kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenut:
  - ► Irċevuta ta' €4000[24]
  - ► Irċevuta ta' €2000[25] (total muri ta' €8000)
  - ► Irċevuta ta' €4000[26] (total muri ta' €12,000)[27]

## <u>KUNSIDERAZZJONIJIET</u>

### Leġittimu kuntradittur

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hi waħda ta' natura preliminari u għalhekk se tkun ittrattata fil-bidu. Il-konvenuti jgħidu li Tiziana Magro mhix leġittimu kuntradittur f'din il-kawża.

Illi l-konvenuta Tiziana Magro tgħid li hi mhux sid tal-fondi in kwistjoni u qatt m'aġixxiet f'isem xiħadd dwar dawn il-fondi. Tgħid li qatt ma qabbdet lill-attur jagħmel xi xogħol dwar dawn il-fondi. Min-naħa tiegħu l-attur ħarrek lil Tiziana Magro għal kull interess li jista' jkollha fil-kawża u ġġustifika dan peress li qal li

[20] Fol 105.
[21] Fol 111.
[22] Fol 112.
[23] Ara fol 7 kif ukoll Commencement Notice a fol 70 sa fol 78.
[24] Fol 16 u fol 34.
[25] Fol 17 u fol 35.
[26] Fol 18 u fol 36; il-figura f'din l-irċevuta ma taqbilx mal-figura bil-kliem. Pero' l-partijiet jaqblu li tħallas €10,000. Il-konvenut imbagħad igħid li tħallas depożitu ta' €2000 li jidher biss fit-totali tal-irċevuti.
[27] Id-dati f'dawn l-irċevuti juru wkoll li x-xogħol kien għaddej anke f'April 2021, peress li bdew jitħallsu l-ammonti akkont. Dan jaqbel ma' dak li qal l-attur li x-xogħol sar bejn April u Mejju 2021 u mhux ma' dak li qal il-konvenut li x-xogħol kien se jibda f'Mejju 2021. Dan qed jingħad ukoll minħabba d-dati tal-irċevuti a fol 84.

x-xogħol in kwistjoni sar meta l-konvenuti kienu miżżewġin. Għalhekk igħid li d-dejn dovut lilu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti, u l-konvenuta hi responsabbli għalih ukoll.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Caruana et vs Selby Limited**[28] il-Qorti ddiskutiet dan il-punt u qalet li min jallega li mhux leġittimu kuntradittur għal kwistjoni, irid jipprova li bl-imġieba tiegħu ma ħoloqx relazzjoni ġuridika mal-kontroparti li mbagħad tat lok għall-kawża:

> *22. Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza kif ġej:*
>
> *"Hu fatt li sabiex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-leġittimu kontradittur ta' parti f'kawża, jeħtieġ li fl-ewwel lok jiġi stabbilit fuq bażi ta' prima facie jekk il-persuna li ġiet imħarka kienetx materjalment involuta f'dak li minnu qegħda tilmenta l-attriċi. Ċjoe jekk bl-aġir tiegħu ħoloq relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif ġew proposti mill-attriċi." (**Grace Sacco vs Is-Supretendent Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex et**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 16 ta' Ottubru 2007)*
>
> *23. Tabilħaqq, "huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika." (**Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited**, Qorti tal-Appell, 9 t'April 2008).*
>
> *"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. (Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili). Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża." (**Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd,** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 23 t'Ottubru 2009).*

[28] Prim Awla, 28 ta' Settembru 2023, mhux appellata.

> *"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward (il-konvenut), irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta." (***Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited***, Qorti tal-Appell, Rik 777/2006 deċiża fit-13 ta' Marzu 2009).*

> *"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport." (***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et,*** Qorti Ċivili Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 2008).*

Illi għalhekk min jallega li mhux leġittimu kuntradittur irid juri li kien l-aġir ta' ħaddieħor li fil-fatt kien is-sors tal-obbligi legali li mbagħad taw lok għall-kawża. Fil-każ odjern, irriżulta li l-konvenuta Tiziana Magro ma kellhiex relazzjoni kuntrattwali jew delittwali mal-attur dwar ix-xogħol f'dawn il-fondi, pero' bl-operat tal-liġi, hi responsabbli għad-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti flimkien ma' żewġha. Fin-nuqqas ta' prova mod ieħor, bejn il-konvenuti tapplika l-komunjoni tal-akkwisti. Ma nġabitx prova dwar li l-konvenut kien qed jagħmel xogħol t'appaltatur bħala kumpanija. Għalhekk jidher li l-konvenut kien qed jaħdem f'ismu personali u l-qligħ u d-dejn riżultanti minn xogħlu jmorru għall-komunjoni. Għalhekk il-konvenuta hi leġittimu kuntradittur f'din il-kawża peress li għandha nofs minn din il-komunjoni tal-akkwisti. B'hekk il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni tal-konvenuti.

## IL-MERTU

Ikkunsidrat

Illi mir-riassunt tal-provi jidher ċar li hemm kunflitt bejn il-versjoni mgħtoija mill-attur min-naħa u dik mgħotija mill-konvenut min-naħa l-oħra.

Illi l-attur jikkontendi li saru żewġ kuntratti: wieħed għal twaqqigħ, skavar u rimi fir-rigward tal-fond 59/60 bi prezz ta' tmintax-il ef Euro (€18,000), u l-ieħor għar-rimi tal-materjal mill-fond 61 għall-prezz ta' tmint elef euro (€8,000). Jikkontendi li l-konvenut ħallas biss għaxart elef euro (€10,000) mit-total ta' sitta u għoxrin elf euro (€26,000) biex b'hekk baqagħlu jirċievi sittax-il elf euro (€16,000).

Illi l-konvenuti min-naħa l-oħra jikkontendu li hemm ftehiem biss fuq il-fond 59/60 u li l-prezz miftiehem kien ta' tlettax-il elf u ħames mitt euro (€13,500) għat-twaqqigħ, skavar u rimi ta' materjal li minnhom ħallas tnax-il elf euro (€12,000) biex baqa' bilanċ ta' elf u ħames mitt euro (€1,500); il-konvenuti fil-fatt jammettu li għandhom jagħtu dan l-ammont. Fuq il-fond 61, il-konvenuti igħidu li kien hemm qbil inizjali dwar għaxart elef u tletin euro (€10,030) pero' dan il-ftehiem ma ġiex konkluż għax ix-xogħol sar kollu mill-attur u allura m'hemmx ammonti dovuti fuq dan il-fond.

Illi għandu jingħad li hemm inkonsistenzi fil-verżjonijiet tal-attur dwar l-ammonti li jallega li huma dovuta mill-konvenut, b'relazzjoni għal liema xogħol qed jippretendi ħlas, u anke dwar il-ħlas li għamel għar-rimi tal-materjal.

Illi fl-ewwel premessa fir-rikors promotur l-attur jagħmel referenza għal xogħolijiet magħmula fil-fond 59/60 Dawret ix-Xatt, ix-Xaghjra Haż-Żabbar u mbagħad ikompli biex jgħid kemm kien il-prezz miftiehem għal dawn ix-xogħolijiet, kemm tħallas minn dan il-prezz u kemm għadu dovut. Fit-talbiet huwa jitlob il-ħlas ta' dak il-bilanċ li bilfors għandu jiftiehem bħala l-bilanċ dovut għax-xogħolijiet imwettqa fil-fond imsemmi fil-premessi 59/60 Dawret ix-Xatt, ix-Xagħjra Haż-Żabbar. Fir-rikors promotur m'hemm l-ebda referenza għall-fond numru 61.

Illi fil-kors tal-proċeduri l-attur talab korrezzjoni fir-rikors promotur, korrezzjoni li pero toħloq aktar konfuzjoni. Dan jingħad għaliex minn qari tar-rikors promotur kif korrett, f'uħud mill-premessi qed jingħad li l-ammont miftiehem kien ta' €27,000 u l-ammont mħallas mill-konvenuti kien ta' €10,000 bl-implikazzjoni li l-bilanċ dovut huwa ta' €17,000, pero f'premessi oħra qed jgħidu li huma interpellaw lill-konvenut biex iħallas €16,000[29] u li huwa debitur tagħhom f'dan l-ammont ta' €16,000. L-ittra uffiċjali interpellatorja hija esebita; fiha l-attur talab €17,000. Għal kull bon fini jingħad ukoll li fl-affidavit tal-attur il-konteġġi dwar kif wasal għall-allegat kreditu ta' €16,000 jagħmlu aktar sens.

Illi l-attur ippreżenta numru ta' irċevuti ta' rimi ta' materjal fl-ammont ta' €1758.79; meta preżentahom huwa indika li dawn kienu l-irċevuti għar-rimi (dumping) tal-materjal mill-fond 59/60. Kien biss in kontroezami li qal li fil-fatt dawk l-irċevuti kienu jinkludu materjali anke mill-fond 61.

Illi fost l-irċevuti preżentati mill-attur bħala prova tal-fatt li huma rema' l-materjal mill-propjetajiet fuq imsemmija u kemm ħallas għal dan ir-rimi, hemm dik markata Dok NB[30] li hija riċevuta oriġinali dwar ħlas magħmul lil Nicky Bonello

[29] Fl-ittra uffiċjali mibgħuta l-ammont mitlub huwa €17,000.
[30] Envelope a fol 86.

għal dumping. L-imsemmi Nicholas (Nicky) Bonello tressaq bħala xhud u preżenta l-kopja miżmuma minnu ta' dik l-irċevuta (din il-kopja hija markata Dok NB2[31]); ix-xhud ikkonferma li l-ammont imħallas kien sebgħin euro (€70) u anke preżenta l-irċevuta fiskali relattiva għal dan il-ħlas li hija għal sebgħin euro (Dok NB1[32]). Minn eżami anke superfiċjali ta' dawn id-dokumenti jidher li Dok NB kien imbagħbas f'dawn l-elementi:

- Juri l-ammont ta' seba' mitt euro (€700) flok sebgħin euro (€70); u
- Id-data f'Dok NB2 hi l-1 ta' Settembru 2023 u f'Dok NB, hi data oħra.

Illi għalhekk il-Qorti ser twarrab dan id-dokument (Dok NB) bħala prova. Pero tirrileva li l-falsifikazzjoni ta' dokumenti u l-użu ta' dokumenti falsifikati huma reati hekk kif huwa reat l-ispergur f'proċeduri ċivili. Il-Qorti għalhekk ser tirreferi dawn id-dokumenti lill-Kummissarju tal-Pulizija għal kull azzjoni li jidhirlu opportuna.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-apprezzament tal-provi f'każijiet fejn l-Qorti tkun rinfaċċjata b'kunflitt fil-provi esprimiet ruħha din l-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et**[33]:

> *… … f'sitwazzjoni bhal dik odjerna huwa applikabbli l-kriterju generali tac-certezza morali tal-gudikant, li in verita' huma applikabbli f'kull kaz fejn irid issir apprezzament tal-provi. Infatti fis-sentenza "**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino, C.B.E. noe**" (App.Kumm. 25 ta' Frar 1952, Vol.XXXVI.i.319) inghad illi :-*
>
> *"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*
>
> *Illi xorta kollha dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-oneru talprova tal-allegazzjonijiet attrici jinkombu lill-istess attrici, stante li huwa principju ben assodat li l-prova tal-fatt imiss lil min jallegah ai termini tal-artikolu 562 tal-Kap 12.*

[31] A fol 112.
[32] A fol 111.
[33] 25 ta' April 2002.

Illi l-istess fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**[34]

> *... huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat (App.Inf.* ***Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*** *– 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet (App.Civ.* ***Paul Vassallo et vs Carmelo Pace*** *[1986] Vol.LXX.II.144). Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*

Illi għalhekk u fil-kaz in eżami l-attur kellhu jressaqu provi li twassal għal dik iċ-ċertezza morali imsemmija fil-ġurisprudenza. Fil-fehma tal-Qorti dan l-attur ma għamlux anke għaliex il-verzjoni tal-konvenut mhux biss hija aktar attendibbli imma hija korroborata minn provi oħra.

Illi kif intqal l-attur, kemm fl-ittra uffiċjali kif ukoll fir-rikors promotur, jirreferi biss għal xogħol magħmul fil-fond 59/60; kien biss fil-kors tal-provi li jissemma l-fond 61. Ta' ċerta relevanza f'dan ir-rigward huwa l-fatt, wieħed mill-ftit li hemm qbil dwaru, li l-partijiet kienu qed jiftehmu dwar iż-żewg propjetajiet separatment tant li x-xogħol li kellu jsir f'wieħed kien differenti mill-ieħor u kienu qed jiġu diskussi prezzijiet separati għal kull wieħed minn dawn l-appalti. Fil-verita l-attur mhux qed jallega li huwa għamel xi xogħol fil-fond 61. Anzi huwa jammetti li x-xogħol f'dak is-sit sar mill-konvenut; huwa pero jallega li kien hu li rema l-materjal li nħatt mill-fond 61. Il-konvenut da parti tiegħu isostni li l-attur m'għamel l-ebda xogħol relatat mal-fond 61, lanqas rimi ta' materjal. F'din l-asserzjoni huwa korroborat mill-Perit Micallef li jgħid li l-materjal li nħatt bl-idejn mill-konvenut ma ntremiex imma ntuża fis-sit. Anke ix-xhud Alfred Formosa, xhud prodott mill-attur, jagħmel ,referenza biss għal xogħolijiet li saru fil-fond 59/60. Minn dan il-kumpless ta' provi l-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxielhux jippruva li għamel xi xogħol relatat mal-fond 61, anke jekk biss rimi ta' materjal.

Illi dwar il-prezz miftiehem u x'bilanċ għandu dovut għax-xogħol imwettaq fil-fond 59/60. L-attur jallega li l-prezz miftiehem kien ta' tmintax-il elf euro

[34] Prim' Awla, 28 ta'April 2004.

(€18,000) li minnu l-konvenut ħallas għaxart elef euro (€10,000). Il-konvenut dejjem sostna li l-prezz miftiehem kien ta' tlettax-il elf u ħames mitt euro (€13,500) li minnu ħallas tnax-elf euro (€12,000) u li għalhekk baqa' bilanċ ta' elf u ħames mitt euro (€1,500). Il-konvenut huwa korroborat f'dan mhux biss milli jgħid il-Perit Micallef imma anke mill-irċevuti preżentati. Għalhekk anke f'dan ir-rigward l-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jipprova dak minnu allegat, imqar fuq bilanċ ta' probablitajiet li tnissel dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant.

Illi għal kompletezza l-Qorti tirrileva li l-irċevuti preżentati mill-attur għar-rimi tal-materjal m'għandhom l-ebda relevanza fil-komputazzjoni tal-ammont dovut mill-konvenuti. Dan għaliex il-prezz miftiehem bejn il-partijiet kien wieħed fiss u ma kienx jiddependi fuq kemm kien ser iħallas l-attur biex jarmi l-materjal.

Ikkunsidrat

Illi l-attur qed jitlob ukoll imgħax mill-31 ta' Mejju 2021, li hija d-data meta hu jgħid li spiċċa x-xogħol.

Illi dwar imgħax pagabbli meta l-ammont mgħoti mill-Qorti jkun differenti minn dak mitlub esprimiet ruħha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **B. Grima and Sons Limited vs Jeremy Jonas Debono**[35]**:**

> *13. ... ... il-fatt innifsu li l-Qorti tkun tat lill-attur somma iżgħar minn dik oriġinarjament mitluba minnu, ma jiġġustifikax it-tħaddim tal-prinċipju 'in illiquidis non fit mora' (**Middlesea Insurance p.l.c. v. Falcotrans Limited et**. ikkonfermata minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu, 2022. (Rik. 945/2005/1JPG). Bil-maqlub, din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba li, bħala regola ġenerali, meta l-attur jitlob somma determinata u din titnaqqas mill-Qorti, id-debitur m'għandux jieħu vantaġġ billi jinħeles mill-ħlas tal-imgħax (**H&C Developments Ltd v. Grazio u Michelina konjuġi Portelli**, deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2013 (App. Ċiv. 218/1999/2), u **Albert Mallia v. Albert Camilleri**, deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Diċembru, 2014 (App. Ċiv. 530/1992/1) §30), u dan sewwasew għaliex l-imgħaxijiet jitħallsu għax parti tkun żammet għaliha u nqdiet bi flus li fis-sewwa kellu jgawdihom u jinqeda bihom ħaddieħor (**Simon Debono et. v. Viaggo Facile s.r.l. et**. deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju, 2022 (App. Ċiv. 656/2010/1) §14.). Tabilħaqq, huwa biss f'dawk il-każijiet li fihom ikun wisq diffiċli jekk mhux ukoll impossibbli għad-debitur li jkun jaf x'inhu dovut minnu (**Mariella Vidal v. Micaela Cassar**, deċiża mill-Prim'Awla*

[35] 25 ta' Ottubru 2023.

> *tal-Qorti Ċivili, fit-18 ta' Frar, 2020 (Rik. 774/2014GM) (mhux appellata), kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija), jew inkella meta l-ammont mitlub mill-kreditur jitnaqqas b'mod qawwi (***Avantgarde Holdings Limited v. Ivan Cassar et*** *deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta'Jannar, 2022 (App. Ċiv. 1034/2013/1) §25 sa 27), li ntqal li d-sebitur m'għandux jagħmel tajjeb għall-interessi sakemm ssir investigazzjoni ġudizzjarja dwar kemm tassew għandu jagħti.*

Illi fil-każ in eżami żġur li hemm differenza kbira bejn l-ammont mitlub u dak mgħoti mill-Qorti[36] allura wieħed jista' jargumenta li l-imgħax għandu jibda jidekorri mid-data tas-sentenza. Min-naħa l-oħra l-konvenut jammetti li għandu jagħti dan l-ammont; saħansitra jgħid li huwa offra dan l-ammont iżda l-attur m'accettaħx għax kien qed jippretendi aktar. F'dawk iċ-ċirkostanzi l-konvenut seta' ddepożita fir-Reġistru tal-Qorti l-ammont li hu kien jammetti li għandu jagħti, ħaġa li għażel li ma jagħmilx u għalhekk żamm u inqeda bi flus li kien jaf li kienu tal-attur. F'dan ir-rigward ssir referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Albert Mallia vs Albert Camilleri et**[37]

> *In tema legali jigi osservat li, hu ritenut li meta l-ammont jigi indikat fl-att tac-citazzjoni, allura huwa permissibbli li l-Qorti tordna li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni; u* ***jekk id-debitur irid jezimi ruhu milli jhallas l-imghax jista' jiddepozita s-somma indikata fir-Registru tal-Qorti*** *[ara Appell Civili Mario Sacco v. Peter Muscat Scerri, deciz 31 ta' Jannar 2003; PA Saviour Ellul noe v. AIC Joseph Ellul Vincenti, deciz 21 ta' Jannar 2005].*

Illi f'dawn ċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li, minkejja d-differenza fl-ammont mitlub u dak mgħoti, l-imgħax m'għandux jiddekkorri mid-data tas-sentenza. Ladarba l-ħlas dovut mill-konvenut huwa naxxenti minn obbligazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet allura, ai termini tal-artikolu 1141 tal-Kap 16, l-imgħax għandu jibda jiddekorri minn dakinhar li l-obbligazzjoni ġiet esegwita.

Illi kif intqal l-attur talab imgħax mill-31 ta' Mejju 2021. Mill-provi jirriżulta li l-applat miftiehem ġie esegwiet f'April jew Mejju 2021. Għalhekk it-talba tal-atturi fir-rigward tal-imgħax hija ġustifikata.

Ikkunsidrat

[36] L-attur talab €16,000 pero qed jingħata €1,500.
[37] Appell Superjuri l-1 ta' Diċembru 2014.

Illi in konkluzjoni l-Qorti tirreferi għat-tielet talba tal-attur u ċioe dik li *tordna, jekk jidrilha xieraq, in-nomina ta' kwalunkwe periti arkitetti sabiex jixhdu dwar ix-xogħlijiet mertu ta' din il-kawża.* B'referenza għal din it-talba l-Qorti tgħid biss li ħadd mill-partijiet ma talab in-nomina ta' perit fil-kors tal-proċeduri u fi kwalunkwe każ l-istħarriġ tal-punti in kontestazzjoni ma kienx jirrikjedi n-nomina ta' perit.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni mill-ewwel talba tal-attur peress li kienet irtirata,

- **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenuti dwar il-leġittimu kuntradittur;
- **tilqa' t-tieni talba tal-attur limitatament** u tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-attur fis-somma ta' elf u ħames mitt euro (€1,500);
- **tiċħad it-tielet talba;**
- **tilqa' r-raba' talba limitatament u tordna lill-konvenuti jħallsu** s-somma ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) lill-attur, bl-imgħax mill-31 ta' Mejju 2021; u
- **tordna li l-ispejjeż** ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kwantu għal erba' minn ħamsa (4/5) mill-attur u wieħed minn ħamsa (1/5) mill-konvenuti.

In oltre il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza, flimkien ma' kopja tal-irċevuta Dok NB, tal-irċevuta Dok NB1, tal-affidavit tal-attur u tat-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tal-attur u ta' Nicholas Debono jintbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija għal kull azzjoni li jidhirlu opportuna.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**